# Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-10 ta' Dicembru 2015

Appell Nru: 417/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Maria Stella Attard**

**vs**

**Roderick Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-imsemmi Roderick Vassallo detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 101090M talli: fl-1 ta' Lulju, 2013, ghall-habta ta' 11.50hrs fi Triq Santa Rita, Rabat, saq vettura Nru DBI-516 (mutur) meta kellu l-licenzja tas-sewqan sospiza u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq vettura b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 25/06/2013 mill-Magistrat F. Depasquale LL.D; 2) saq vettura Nru. DBI-561

(mutur) minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta taht dik il-kategorija specifikata biex isuq l-imsemmi mutur; 3) b'hekk saq l-imsemmija vettura Nru. DBI-516 (mutur) meta ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persun; u 4) sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 25 ta' Gunju, 2013 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tkun mhassra. Il-Prosekuzzjoni talbet li jkun skwalifikat milli jiehu jew jkollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu taz-zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-14 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3), 59 tal-Kapitolu 65, artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104, artikolu 49, 50 tal-Kapitolu 9, sabet lill-appellant hati u kkundannatu piena ta' prigurnerija ta' erba' (4) xhur filwaqt li ssospendietu mil-licenzja tal-mutur ghal zmien tnax il-xahar mill-llum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Roderick Vassallo, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-23 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi adebitati lilu, tvarja l-piena nflitta, u konsegwentement, timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Roderick Vassallo.

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-appellant kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi addebitati fil-konfront tieghu wara li intlemah darbtejn mill-Pulizija ghaddej quddiem l-ghassa qed isuq mutur meta huwa kien, appena hmistax

qabel, skwalifikat mill-licenzji tas-sewqan tieghu b'sentenza tal-istess Qorti. Wara li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati, kkundanatu ghal terminu effettiv ta' erba (4) xhur prigunerija u regghet issospendietlu l-licenzja tal-mutur ghal-perjodu ta' sena. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona dan l-appell fuq l-aggravju singolari li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija wahda eccessiva u sproporzjonata u li piena pekunjarja kienet tkun aktar addattata tenut kont b'mod partikolari tal-fatt li l-appellant ghad ghandu biss 24 sena. L-appellant isostni illi "*perjodu ta' karcerazzjoni aktarx ikun iktar kontro-produttiv f'dan il-kaz. Il-piena inflitta, kemm fil-kwalita' taghha u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retrubittiv u dak riformattiv, principju tant accennat u accettat fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum*". L-appellant muhiex qed jikkontesta l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti dwar is-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu;

Ikkunsidrat inoltre, illi kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna in materja ta' piena, l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kwantu l-piena erogata sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dik fil-fatt moghtija. Principju dan riaffermat b'mod kostanti kif jemergi mis-sentenza anke ricenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali kollegjalment moghtija fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs ..*ommisis*.. u Noel Frendo tat-3 ta' Dicembru 2015;**

L-ewwel akkuza dedotta kontra l-appellant kif ravvizata fl-artikolu 59 tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta, jigifieri sewqan ta' vettura meta l-persuna tkun hekk skwalifikata, timporta piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur jew jekk il-Qorti jidrilha fic-cirkostanzi specjali tal-kaz, tista' timponi l-piena ta' multa ta' mhux aktar minn €232.94. It-tieni akkuza imbaghad, kif ravvizata fl-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 hija punibbli bil-multa ta' mhux aktar minn €232.94 jew prigunerija mhux aktar minn tlett xhur. It-tielet akkuza hija punibbli bil-

multa ta' mhux anqas minn €2,329.37 u mhux aktar minn €4,658.75 jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa u l-prigunerija flimkien. Issa l-appellant kellu ukoll l-addebitu tar-recidiva u stante li din kienet tirrizulta , l-Ewwel Qorti indikat l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u ghalhekk hija applikabbli is-sanzjoni taz-zieda tal-piena bi grad fejn allura l-appellant kien soggett ghal-piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn disa' xhur kwantu l-ewwel akkuza li timporta l-aktar piena gravi;

Ezaminati ukoll l-atti jemergi illi fil-25 ta' Gunju 2013, l-appellant kien misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sewqan perikoluz u taht l-influenza tax-xorb, kontra s-sinjal tat-traffiku u waqt li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Ta' dan wehel il-piena ta' multa u sena sospensjoni tal-licenzja (il-Qorti ma kienitx specifika ghal-liema licenzja/licenzji qed tirreferi) u l-appellant ma interpona ebda appell. Dan ifisser illi anqas biss kienu ghaddew hmistax-il jum wara din il-kundanna li l-appellant rega' inqabad isuq din id-darba mhux biss minghajr assikurazzjoni izda ukoll minghajr licenzja tas-sewqan ghal-dik il-kategorija (mutur). L-affidavit tal-WPS 254 juri l-appellant kien intlemah ghaddej fl-inhawi tal-ghassa tal-Pulizija tar-Rabat darbtejn mill-istess surgent;

Issa l-appellant jikkontendi illi l-eta' tieghu ta' 24 sena ghandha tittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini ta'piena ghaliex wahda karcerarja zgur li ser tkun detrimentali ghar-riforma tieghu. Dwar dan, il-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-appellant minn fejn jirrizulta inter alia illi fl-4 ta' Mejju 2010 kien instab hati ta' feriti hfief fuq terzi u kienet inharget fil-konfront tieghu ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena taht l-artikolu 7 tal-Kap 446. Fit-18 ta' Novembru 2010 kien misjub hati ta' sewqan bla *seatbelt,* b'giri aktar milli jmissu u bla kontrol tal-

vettura stante uzu ta' apparat eletroniku. Fl-1 ta' Frar 2013 kien misjub hati ta' falsifikar ta' biljett ta' flus u ta' pussess tal-istess biljett ta' flus u ta' dan kien inghata terminuta' prigunerija ta' 16-il xahar sospizi ghall-sentejn u nofs. Fil-5 ta' Frar tal-2013 kien instab hati ta' sewqan ta vettura li ma kienitx fi stat tajjeb ta' tiswija inkluz dawl mhux skond ir-regolamenti tat-traffiku. Fit-3 ta' Gunju 2014 l-imputat kien instab hati ta' sewqan ta' vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni u minghjar ma kienet registrata mal-Awtorita' ghat-trasport f'Malta u ta' dan wehel il-piena ta' multa u tlett xhur sospensjoni tal-licenzja. Il-fedina penali tieghu turi ukoll sentenzi ohra ukoll relatati mas-sewqan li izda mhux ser jittiehdu in konsiderazzjoni la darba din il-Qorti hija mitluba tara jekk il-piena erogata fiz-zmien tal-akkadut kienitx wahda skond il-ligi jew le. Jidher li l-Ewwel Qorti ma kellhiex ghad-disposizzjoni taghha il-fedina penali tal-appellant meta erogat il-piena lamentata u dan certament kien ta' beneficcju ghall-appellant. Dak li kellha quddiemha l-Qorti kienet sentenza moghtija minnha stess, kif preseduta, hmistax-il jum qabel ir-rejat hemm ezaminat li kif gia inghad, espona lill-appellant ghall-terminu ta' prigunerija ta' disa' xhur. Bl-addebitu ta' recidiva kienet eskluza l-applikazzjoni tas-sentenza sospiza taht l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 u ghalhekk l-Ewwel Qorti applikat dik is-sanzjoni li fil-fehma taghha kienet l-aktar wahda idonea. Sanzjoni din li hija sew fil-parametri tal-ligi, anqas minn nofs it-terminu ta' prigunerija applikabbli ghall-kommissjoni ta' reat kommess minn persuna li taghti x'tifhem li m'ghandha l-ebda rispett lejn is-socjeta', il-konsegwenzi dizastruzi li jista' jgib mieghu ghal-terzi sewqan bla licenza u polza ta' assikurazzjoni. Kif ritenut fis-sentenza citata *supra*, *"Il-pieni m'ghandhomx biss skop riformattiv izda ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali"*. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma timmerita ebda temperament ladarba hija fil-parametri tal-ligi u ma kellhiex tkun anqas minn dik fil-fatt moghtija fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha b’dan illi t-terminu ta’ prigunerija ta’ erba (4) xhur u s-sospenzjoni tal-licenzja tal-mutur ghal-tnax (12)-il xahar ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum.